MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Numru 192/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**JOSEPH GRIMA**

**Illum 10 ta' Mejju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Grima, 28 yrs, iben Paul u Joan nee` Fenech, imwieled Rabat fit-13 ta' Marzu 1946 u li joqghod 2, Triq Santu Rokku, Rabat, jew 38 Rose Garden, Triq Inguanez, Rabat, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 276246M, gie akkuzat:

Talli bejn 28/11/97 u 6/7/2 fil-fond Rose Garden,38 Triq Inguanez, Rabat, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghadha f'idejha l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm 50 u anqas minn Lm 1000 (Lm 108.98.4) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

2. Ghamel hsara jew kisser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Rat l-atti u d-dokkumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hi konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz u f'dan ir-rigward taghmel referenza ghal Dok. MM4 minnha esebit illum.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261 (b), (c) u (f), 263 (a), 267, 270, 278 (3), 280 (2) u 326 (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Grima, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-Fedina Penali netta tal-imputat, l-ammont ta’ serq ta’ kurrent elettriku, il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hi konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz u f’dan ir-rigward taghmel referenza ghal Dok. MM4 minnha esebit illum, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Grima l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------